# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** __________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 26 | 6 | 6 | 5 | 16 | 14 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

# L-ILMA



Il-ħajja fid-dinja hija marbuta ma' l-ilma. Insibu ilma li ġej direttament mix-xita. Dan huwa l-ilma ħelu u l-ilma tal-baħar li hu mielaħ u li mhuwiex tajjeb għat-tisqija. L-ammont ta' l-ilma tax-xita li jinżel jippermetti tkabbir fl-uċuħ tar-raba' li jiddependu mix-xita li tinżel fuqhom biex jikbru. Raba' li jkollu provvista ta' ilma ġieri matul is-sena jissejjaħ **raba' saqwi**. (*par.1*)

L-ilma tax-xita, meta jaqa' fuq il-blat jew fil-ħamrija, jinżel mill-pori u x-xquq fini u jinġabar f'ħażniet naturali ġol-blat. Minn hemm joħroġ u jnixxi mill-blat f'forma ta' nixxiegħa jew jittella' direttament mill-ispieri (speċi ta' ħofor). L-ilma tax-xita li jibqa' fil-wiċċ jista' jinġabar fi bjar, iżda ħafna minnu jitkaxkar għal ġol-widien u jibqa' sejjer u jintilef fil-baħar. (*par.2*)

Il-widien huma sors importanti ta' ilma għat-tisqija. Siġar u digi (lqugħ) mal-ġnub tal-widien iżommu l-mixja ta' l-ilma milli tinfirex, imbagħad digi oħrajn li jaqsmu l-wied iwaqqfu l-mixja tiegħu lejn il-baħar, fejn jinħela. Dawn id-digi jżommuh f'għadajjar kbar u minn hemm l-ilma jintuża direttament fit-tisqija jew jinżel bil-mod fil-blat u jittella' meta jkun il-waqt. Għalhekk huwa importanti li l-widien ikunu nodfa u miżmuma tajjeb. (*par.3*)

L-akbar ħażna ta' ilma naturali fil-blat hi dik imsejħa l-**Ħażna tal-Pjan.** L-ilma f'din il-ħażna jinstab fil-pori tal-blat tal-qawwi ta' taħt u tal-franka fil-livell ta' l-ilma tal-baħar. Ħażna oħra ta' ilma hi dik ta' fuq it-tafal. It-tafal, peress li għandu l-pori żgħar ħafna, ma jħallix l-ilma jgħaddi minnu. Il-bdiewa jużaw l-ilma mill-ħażna ta' fuq it-tafal billi jħaffru l-ispieri jew itellgħuh 'il fuq permezz ta' l-irdieden tar-riħ jew tal-pompi. (*par.4*)

L-ilma huwa riżors illi f'pajjiżna huwa limitat u għalhekk dejjem għandna naħsbu u naħdmu bl-aħjar mod biex nibżgħu għalih u biex l-ilma tax-xita ma jispiċċax fil-baħar. Dan jista' jsir b'bini ta' aktar bjar biex l-ilma jkun jista' jintuża mod ieħor u jiġi ffrankat l-użu tar-*Reverse Osmosis*. (*par.5*)

(Addattament minn *L-Ilma*, artiklu minn **Biedja u Sajd –** nru. 148 – Frar 2003)

| A. FEHIM IT-TEST | (7 marki) |
|---|---|

1. Semmi d-differenza bejn l-ilma tax-xita u l-ilma tal-baħar. (*par.1*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. X'jiġri mill-ilma tax-xita li ma jinżilx mill-pori u x-xquq tal-blat u l-ħamrija? (*par.2*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

3. Għaliex il-widien għandhom jinżammu nodfa? (*par.3*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

4. Għaliex it-tafal huwa importanti biex jinħażen l-ilma? (*par.4*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

5. Għaliex jintużaw l-irdieden tar-riħ jew il-pompi? (*par.4*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

6. Għaliex għandna dejjem nibżgħu għall-ilma u ma nħalluhx jispiċċa fil-baħar? (*par.5*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

7. X'jista' jsir biex l-ilma ma jispiċċax fil-baħar? (*par.5*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

| B. | GĦARFIEN IL-LINGWA | (26 marka) |
|---|---|---|

(i) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Ifred il-kelma mill-pronom:

   a) fuqhom - ______ ______ b) jżommhom - ______ ______

2. Ikteb f’kelma waħda: Il-mixja tiegħu - _____________

3. Agħżel it-tajba: L-ilma huwa importanti ________ (għal, għall-) kull ħlejqa.

4. Ibdel in-numri fi kliem:

   a) 5 __________ miljun ruħ fid-dinja ma jsibux ilma nadif.

   b) F’Mali wieħed juża 8 __________ litri kuljum ta’ ilma waqt li f’Malta jintuża 90 __________ litru kuljum.

*5.* Qassar il-partiċella *Lill-*

   _____ Maltin irridu ngħidulhom li fid-dinja hawn nuqqas ta’ ilma ħelu.

6. Agħti z-zokk morfemiku ta’: direttament - ______________

**7.** a) Agħti l-mamma u l-għerq ta’: insibu - _________ _________

   b) Xi kwalita` ta’ verb dgħajjef huwa l-verb *għadda*? _____________

8. a) Ikteb il-verb fl-Imperfett: Għandek __________ (għalaq) il-vit tajjeb.

   b) Ikteb il-verb fl-Imperattiv singular fin-negattiv: _________ (ħela) ilma.

9. Agħti l-mamma ta’: jitkaxkar - ___________

10. Ikteb il-verb fl-Imperattiv: Tfal ____________ (qagħad) attenti meta tgħumu.

(ii) **LESSIKU / VOKABULARJU**

Agħti kelma waħda minflok dawk użati fis-silta.

a) fini (*par.2*) _________ b) jitkaxkar (*par.2*) __________

ċ) miżmuma tajjeb (*par.3*) ______________ (3)

(iii) **ANALIŻI TESTWALI**

1. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-frażi li biha l-awtur jurina kemm l-ilma huwa importanti.

   ____________________________________________________________ (1)

2. *Mix-xita li tinżel fuq**hom.*** (*par.1*) Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **hom**?

   ____________________________________________________________ (1)

3. *Minn* ***hemm*** *joħroġ u jnixxi.* (*par. 2*) Il-kelma **hemm** qiegħda tirreferi għall-:

blat ☐ ħamrija ☐ pori u x-xquq ☐ (1)

4. Għal liema verb qiegħed jirreferi l-avverbju *direttament?* (*par.3*) __________ (1)

5. *…hi* ***dik*** *imsejħa l-**Ħażna tal-Pjan.*** (*par.4*) Il-pronom dimostrattiv **dik** qiegħed jirreferi għall-____________________________________________ (1)

(iv) **SINTASSI/SENTENZA**

1. *L-ilma tax-xita li jibqa' fil-wiċċ jista' jinġabar fi bjar, iżda ħafna minnu jitkaxkar għal ġol-widien…* (*par.2*) – Ikteb il-kelma li qiegħda tgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' din is-sentenza.

______________ (1)

2. Aqsam is-sentenza f'żewġ sentenzi qosra.

*Il-bdiewa jużaw l-ilma mill-ħażna ta' fuq it-tafal billi jħaffru l-ispieri jew itellgħuh 'il fuq permezz ta' l-irdieden tar-riħ jew tal-pompi.*(*par.4*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (6 marki) |
|---|---|

**Idjomi u Verbi Frażjali**

1. Agħżel il-partiċella t-tajba.

a) L-irġiel għamlu _______ (ma', għal, minn) seħibhom għax ried jisraqhom. (1)

b) Il-ġirien waqfu _______ (ma', għal, lil) Gerit meta waqgħalha s-saqaf tad-dar. (1)

2. Agħmel sing taħt l-idjoma użata fis-sentenza, u wara agħti t-tifsira tagħha.

a) Alla ħares ma nibżgħux għall-ilma ħelu għaliex spiss qiegħed ikun fil-periklu li jitniġġes.

It-tifsira - ________________________________________________ (2)

b) Jeħtieġ li l-inġiniera jkollhom moħħhom jilħqilhom biex jipproduċu l-ilma ħelu li jkollna bżonn.

It-tifsira - ________________________________________________ (2)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (6 marki)

Ikteb madwar 60 kelma.
Immaġina li inti Simon il-pulizija. Agħti d-direzzjonijiet lil żewġ tfajliet li talbuk tgħidilhom dwar kif se jmorru mill-Belt għal xi bajja mrammla.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**E. TIFTIX -TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA** (5 marki)

Ikteb dwar ix-xogħol li għamel **WIEĦED** mill-personaġġi f'xi qasam mill-kultura Maltija. (Ikteb madwar 60 kelma.)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 2** (16-il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet: **Ġejja x-Xita** ta' Mary Meilak

L-isponsun: Witt! witt witt! witt!
Waqq! waqq! waqq! il-wiżż ġo l-għar…
Nies ta' Malta, xita għandna!
Naddfu l-bjut u iftħu l-bjar.

1. Semmi żewġ annimali li jissemmew fil-poeżija. (Issemmix dawk imsemmijin fl-istrofa mogħtija.) __________________ ____________________ (2)

2. Mill-poeżija taħseb li l-poetessa qiegħda titkellem iżjed dwar l-ambjent ta' l-għelieqi jew tal-baħar? ________________________________________ (1)

3. Il-poeżija hija waħda lokali jew internazzjonali? ______________________ (1)

4. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu terzini jew kwartini? ____________ (1)

5. Ikteb iż-żewġ kelmiet li jirrimaw mill-istrofa li ngħatajt. ________ _______ (1)

6. F'madwar 20 kelma ikteb dwar dak li xtaqet twasslilna Mary Meilak b'din il-poeżija.

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (3)

7. *Id-Dwejra* ta' Joe Friggieri **jew** *Gelmus* ta' Ġorġ Zammit. Agħżel **WAĦDA** u f'madwar 50 kelma ikteb dwar il-ħsieb tal-poeta fuq din il-lokalita` Għawdxija.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (5)

8. Agħżel **poeżija** mil-lista fit-taqsima **Aktar Nadriet Poetiċi** u, f'madwar 20 kelma, ikteb dwar x'ried iwassal il-poeta bil-kitba tiegħu.

| |
|---|
| *Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* ta' Ġorġ Borg, *Settembru* ta' Wallace Ph. Gulia, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan, *Sjesta Maltija* ta' Kilin, *Univers Ieħor* ta' Dun Karm, *Ġunju* ta' Dun Karm, *Marsaxlokk* ta' Charles Flores |

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

**F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A NIES BLA SABAR** ta' Temi Zammit

1. Fl-istorja *Ferħa Bla Temma* għaliex Vitor iddeċidiet li tilgħabha li tħossha ma tiflaħx?

________________________________________

________________________________________ (1)

2. Għaliex Franswa` ma felaħx jitkellem hekk kif ħares lejn il-mera għand il-parrukkier?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

3. Għaliex is-sinjur qal li Pina hija *mara tal-ġieħ*? ________________________________

______________________________________________________________________ (1)

4. Kif irnexxielu s-Sur Nin jagħżel qaddejja bieżla u għaqlija? ________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

5. Semmi wieħed milli kien mar taħt it-tieqa tas-sur Anġ fl-istorja *Nies Bla Sabar*.

______________________________________________________________________ (1)

6. Fl-istorja *Iż-Żewġ Seksieka* għaliex lil Pawlinu kont issibu dejjem kull meta jinqala' xi ħaġa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

**B** **ĦOLM TAL-MILIED?** ta' Trevor Żahra (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u wieġeb f'madwar 100 kelma. (Ikteb fuq karta separata.)

1. X'qal Leli meta ommu u missieru qalulu li ma setgħux jeħduh magħhom fejn kienu mistednin? Irrakkonta dwar il-ħin li Leli qatta' għand in-nanna u z-zija Anni meta ommu u missieru kienu mistednin.

**JEW**

2. *Il-Milied se jibda jkun għalina żmien ta' ferħ u ta' hena.* – Ikteb dwar x'ġiegħel lin-nanna Franġiska tgħid dan il-kliem billi tirreferi għal xi ġrajjiet mill-aħħar kapitlu tar-rumanz.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Dak in-nhar tax-xalata, l-għada tal-festa, meta niżlet xita qliel f'Awissu!
2. Iddeskrivi dak li laqtek l-iżjed fuq il-karozza tal-linja waqt li kont sejjer/sejra ġurnata baħar.
3. Irrakkonta storja li l-karattru prinċipali tagħha huwa nixxiegħa ta' ilma nieżla mal-wied.
4. Ix-xogħol volontarju li beħsiebni nagħmel matul il-vaganzi tas-Sajf.
5. Insejt il-vit miftuħ u …